**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

IL-ĦADD, 8.5.11: **JUM IX-XIRKA TAL-ISEM IMQADDES TA' ALLA.**

**Fil-4.30p.m.** titlaq ix-xarabnk mill-Pjazza tal-knisja għall-Parroċċa tal-Qala fejn se jsir il-Kungress, ħalli nieħdu sehem mal-poplu ta' Għawdex li se jagħti ġieħ lill-Isem Imqaddes ta' Alla.

## JUM L-OMM

Mill-qalb nifirħu lill-ommijiet kollha u napprezzaw ħafna il-ħidma, l-impenn u dedikazzjoni u anke is-sagrifiċċju li dawn jagħmlu għall-ġid tal-familja, biex tibqa dejjem familja b'saħħitha, magħquda, u f'rabta ma' Alla.

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, l-Uffiċċju tal-Anzjani se jorganizza quddiesa għall-Anzjani f'Ta' Pinu fil-10.00a.m. Ikun hemm transport mill-Pjazza tal-Knisja fid-9.00a.m. Għal din l-attivita' mhux se jitbgħatu nviti fid-djar.

**IT-TNEJN: 9.5.11: FESTA TA' SAN GORG PRECA**
**Fundatur tas-Soċjeta tal-M.U.S.E.U.M.**

Illum se jsir il-Pellegrinaġġ għal fuq il-qabar ta' San Ġorġ Preca l-Blata l-Bajda organizzat mill-Membri tal-Museum. Tluq mal-vapor tal-4.30p.m.

**IT-TLIETA: 10.5.11: GRUPP TAL-KELMA T'ALLA**

**Fis-7.30p.m.** issir il-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.

**Fis-7.00p.m.** se ssir laqgha għall-Istudenti tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Forms V u VI fis-Seminarju. Din se tkun immexxija mis-seminaristi u wara jkollhom ikla flimkien.

**L-ERBGĦA, 11.5.11: Fis-7.30p.m. LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL KOLLHA**

Tkun fil-Knisja. Nistiednu lill-Irġiel kollha biex jieħdu sehem.

**Il-ĠIMGĦA, 13.5.11: TIFKIRA TAD-DEHRA TAL-VERĠNI MQADDSA MARIJA TA' FATIMA.**

**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Din tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.

**IS-SIBT, 14.5.11: FESTA TA' L-APPOSTLU SAN MATTIJA**

**Fid-9.30a.m.** laqgħa għall-istudenti tal-vokazzjonijiet u abbatini minn Form I sa Form IV, fis-Smeinarju.

**Fit-8.00p.m.** se ssir IKLA TAL-FAMILJA fl-okkazjoni ta' Jum il-Familja. Biljetti mill-uffiċċju Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 15.5.11: IR-RABA ĦADD TAL-GĦID.**

## JUM IL-VOKAZZJONIJIET

Illum nagħmlu talb speċjali għall-vokazzjonijiet fil-Knisja u speċjalment fil-parroċċa tagħna.

**Fil-10.30a.m.** quddiesa li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.

## FESTA FAMILJA

**Fl-Isports Complex, illum 15 ta' Mejju mis-6.00p.m. sat-8.00p.m. se tinżamm il-Festa Familja. Trasport mill-Parroċċa. Kulħadd imħeġġeġ jattendi.**

**PROGRAMM TAT-TBERIK TAL-FAMILJI.**

**It-Tnejn, 9.5.11**: Fis-2.30p.m. Triq Main minn Dun Anton Mizzi sal-familja ta' Anġlu Bajada.

**It-Tlieta, 10.5.11:** Fis-2.30p.m. L-aħħar parti ta' Main Street , Triq Bardan, Triq Gerxija, Triq l-Għaxra ta' Otturbu, Pisoniano, Zabbetta u Qortina

**IL-ĠABRA TA' ĦAMIS IX-XIRKA** kienet is-somma ta' €238. Grazzi

**FESTIVAL MARJAN** is-Sibt, 21 ta' Mejju 2011 fl-Oratorju Don Bosco